MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 457/1996/2

**Hal Mann Limited**

**v.**

**Avukat Dottor Tonio Azzopardi u martu Isabelle ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Frar 1996, is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta'

Lm893.86 bilanc ta' prezz ta' oggetti lilhom mibjugha u forniti. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Frar 1993 u tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Frar 1996, oltre mill-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni u dan wara li ppremettiet:

"Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tal-konvenuti fl-ammont ta' tmien mija u tlieta u disghin liri Maltin u sitta w tmenin centezmu (Lm893.86), liema ammont jirrapprezenta l-bilanc ta' prezz ta' wicc ta' bank tal-kcina tal-granit, skirting, u materjal iehor lilhom mibjugha u konsenjati mill-istess socjeta` attrici u dan kif jirrizulta mis-sitt fatturi mehmuza mac-citazzjoni (Dok A u Dok F).

"Illi l-konvenuti naqsu li jhallsu l-imsemmi ammont ghalkemm debitament interpellati, anke permezz ta' ittra ufficjali, sabiex jersqu ghall-hlas."

B'nota pprezentata fis-17 ta' Marzu 1997, il-konvenuti eccepew:

Illi preliminarjament, it-talba attrici giet preskritta a tenur tal-Artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

Illi l-konvenuti ordnaw diversi xoghlijiet minghand is-socjeta` attrici. Din il-kawza tirrigwarda parti biss minn dawn ix-xoghlijiet u dwarhom hemm kawza ohra pendenti, li din il-kawza ghandha tistenna l-ezitu taghha. Ghalhekk ghandu jkun hemm is-soprassessjoni.

Illi bla pregudizzju ghall-premess ix-xoghlijiet li saru mis-socjeta` attrici mhumiex skont is-sengha u l-arti u dan kif gie eccepit mill-konvenuti fic-citazzjoni numru 500/96NA fl-ismijiet **David Demarco nomine v. Avukat Dottor Tonio Azzopardi et** li ghaliha saret referenza.

Illi l-konvenut diga` hallas lis-socjeta` attrici bil-quddiem is-somma ta' Lm3,765.70 ghax-xoghlijiet li saru minghajr sorveljanza (ghaliex is-Supervisor hareg bil-*'vacation leave'*) u li mhumiex skont is-sengha u l-arti, u ghalhekk huwa m'ghandux ihallas xejn aktar.

Salv eccezzjonijiet ohra.

B'nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri l-konvenuti eccepew:

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, il-kreditu pretiz mis-socjeta` attrici huwa preskritt bil-preskrizzjoni ta' sentejn skont l-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16, u ghalhekk il-kreditu pretiz mhuwiex dovut, u dan skont sentenza fl-ismijiet **Edgar Causon noe v. Abdelsalam A. Sheibani noe**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc (per Onor. Imhallef Joseph D. Camilleri) fl-4 ta' Dicembru 1987, u sentenza fl-ismijiet **Camilleri v. Frendo** (Koll. Vol XII p.144). Il-preskrizzjoni tal-hames snin imsemmija fl-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili m'hijiex applikabbli.

Illi l-fatt li l-ftehim gie redatt bil-miktub ma jfissirx li l-kuntratt ibiddel is-sustanza tieghu, u ghalhekk jibqa' kuntratt ta' appalt u ghandha tapplika ghalih il-preskrizzjoni msemmija fl-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.

B'sentenza moghtija fl-10 ta' Dicembru, 2008 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti a tenur tal-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 bl-ispejjez kontra l-attur u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tad-29 ta' April 1998 fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u cioe` li l-konvenuti sostnew li huwa applikabbli l-Kap 16 art 2148(a) waqt li l-atturi li hu applikabbli l-art 2156(f). Dik il-Qorti hasset li l-kaz kien jirrigwarda appalt u mhux semplici bejgh u peress li l-kawza giet prezentata entro l-hames snin cahdet l-eccezzjoni.

"Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-16 ta' Dicembru 1998 u wara li l-Qorti irreferiet ghall-kaz ta' Abdilla vs Attard (VCC) fejn kien gie deciz li ma hemmx res judicata u setghet tinghata kwalunkwe eccezzjoni dwar preskrizzjoni billi ma giex indikat artikolu tal-ligi u ghalhekk gie meqjus li qisu ma nghatat ebda

eccezzjoni, fil-kaz in ezami l-Qorti gja iddecidiet liema perjodu ta’ preskrizzjoni kien applikabbli u ghalhekk il-Qorti cahdet l-eccezzjoni ulterjuri.

“Rat is-sentenza ta’ l-Onor. Qorti ta’ l-Appell ta’ l-4 ta’ Dicembru 2006 li wara li ezaminat l-elementi ta’ motivazzjoni u tad-dispozittiv ta’ sentenza u irriferiet ghall-kawza Micallef vs Borg tat-23 ta’ Mejju 1947 (Kollezz. XXXIII-I-114 sa 116), il-Qorti ta’ l-Appell iddecidiet li l-imsemmija sentenza tad-29 ta’ April 1998 iddecidiet li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili u ma inkludietx fid-dispozittiv dikjarazzjoni li l-preskrizzjoni applikabbli fil-kaz kien dak tal-hames snin a tenur tal-Kap 16 art 2156(f) u l-kumment ta’ l-ewwel Qorti fil-korp tas-sentenza li l-preskrizzjoni applikabbli kienet dik tal-hames snin ghax il-kaz kien jirreferixxi ghal appalt u mhux bejgh semplici mhux kumment deciziv ghax il-Qorti ma inkorporatux fid-dikjarazzjoni mdahhla fid-dispozittiv ta’ l-istess sentenza. Dan iwassal li l-konvenuti setghu jipproponu eccezzjoni ohra kuntrarjament ghad-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti u kien kompitu ta’ l-ewwel Qorti li tidhol fil-mertu ta’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-artikolu 2149(a) cioe` l-preskrizzjoni tas-sentejn. Ghalhekk id-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti tat-28 ta’ Jannar 1998 ma kenitx ta’ impediment ghat-tqanqil ta’ l-eccezzjoni ulterjuri tal-Kap 16 art 2149(a) u l-Qorti kellha l-obbligu tidhol fil-mertu fid-decizjoni tas-16 ta’ Dicembru 1998 u ghalhekk l-Onor. Qorti ta’ l-Appell irrevokat is-sentenza tas-16 ta’ Dicembru 1998 u irrinvjat l-atti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

“Ghalhekk din is-sentenza tirrigwarda decizjoni fuq l-applikazzjoni o meno ta’ l-art 2149(a) tal-Kap 16.

“Xehed Dr. T. Azzopardi u qal li l-mertu ta’ din il-kawza kien mghoddi lilu fid-data li ried jivverifika. Il-mertu ta’ din il-kawza hu granit tat-tarag ta’ barra u kcina wkoll. F’dan il-kaz ma kienx hemm diffetti fl-oggetti konsenjati. Ir-raguni ghaliex ma kienx hallas kien li fuq il-kuntratt l-iehor kien hallas somma in avvanz li kienet kbira hafna. Fuq il-kuntratt l-iehor kien hemm diffetti serji hafna, b’hekk hu hass li ma kellux ghalfejn ikompli johrog iktar flus meta hu

kellu jiehu minn ghandhom, anke ghax in-negozju kien f'hin wiehed. Hu jahseb li din ir-raguni kien taha lill-atturi diga. Mistoqsi jekk bejn meta gew konsenjati l-merci u meta giet prezentata l-ittra ufficjali, kienx qed isir tentattiv biex isir arbitration, wiegeb li l-arbitration mhux korretta, kienu kellmuh dwar il-kont. It-tentattivi saru dejjem minghajr pregudizzju bejn l-avukati u mhux kienu waqfu jaraw jekk jistghux jaghmlu arbitration. Li tkellmu kien fuq il-kont u l-problemi li kien hemm.

**"KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"Illi din hija kawza ghall-hlas ta' l-ammont ta' tmien mija tlieta u disghin Liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm893.86) liema ammont jirrapprezenta l-bilanc ta' prezz ta' wicc ta' bank tal-kcina tal-granit, skirting u materjal iehor konsenjat mis-socjeta` Hal Mann. Illi ghal din l-azzjoni giet eccepita ulterjorment il-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 2149(a) tal-Kap 16. Ghalhekk, din is-sentenza hija limitata ghal din l-eccezzjoni.

"L-artikolu 2149 (a) tal-Kap 16 jiddisponi:

"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn:

""L-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xogholijiet ohra ta' injam, gebel jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu."

"Fl-artikolu 2149 (a), il-preskrizzjoni tirreferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom tkun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li aktar minn opra, jipprestaw xoghol - opus - minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-xogholijiet minghajr qies ta' l-importanza tas-somministrazzjonijiet.

"Fil-fatt, l-artikolu 2149 (a) mhux applikabbli ghall-kaz ta' semplici fornitura ta' materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew. (Lawrence Formosa et vs Anthony Borg proprio et noe,

Appell 27 ta’ Jannar 1997,u Langdale Ltd. vs Jon David Ltd. deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-3 ta’ Novembru 2004).

“Il-preskrizzjoni taht l-artikolu 2149 (a) tolqot l-azzjonijiet ta’ kuntratturi “ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu.” Dwar din il-prekrizzjoni, il-Qorti ta’ l-Appell f’sentenza moghtija fis-27 ta’ Mejju 1957 f’George Zammit vs Teresa Bonnici noe qalet hekk:
““Dik id-dispozizzjoni tal-ligi tikkontempla l-azzjonijiet……tal-kuntratturi ta’ bini iehor jew ta’ xogholijiet ohra ta’ injam, gebel jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu. Din id-dispozizzjoni ma tikkontemplax il-kaz ta’ forlituri ta’ materjal in genere, izda tal-fornituri li jsiru minn…..appaltaturi ta’ xogholijiet, li flimkien mal-opra taghhom ikunu in konnessjoni mal-istess opera fornew ukoll il-materjali mehtiega……….”

“Ghaldaqstant, dik il-preskrizzjoni mhix applikabbli ghall-kaz ta’ semplici fornitura ta’ materjal minn min ma jkunx ukoll l-appaltatur ta’ l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew.” (Ara A.M.C. Marketing Ltd. vs Pletz Holdings Ltd. deciza mill-Prim’Awla Qorti Civili fit-22 ta’ Frar 2002).

“Hekk gie ribadit ukoll fis-sentenza deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet Paul Formosa vs Salvu Debono deciza fil-5 ta’ Ottubru 2001.

““Gie ritenut minn dawn il-Qrati li dan is-subinciz [l-artikolu 2149(a)] ma japplikax fejn ikun hemm semplici fornitura ta’ materjali imma kien jikkontempla biss dawk il-materjali suppliti mill-kuntratturi fuq xogholijiet meta dawn ikunu impjegati f’xogholijiet ta’ kostruzzjoni minnhom esegwiti jew fl-istess utilizzati.”

“F’dan l-istess kaz, saret referenza ghal kaz iehor deciz mill-Qorti tal-Kummerc, Victor Camilleri vs Emanuele Abela et deciza fil-31 ta’ Mejju 1977 u ghall-kaz Maria Camilleri vs John Licari, Appell deciz fis-16 ta’ Ottubru 1972, Vol. XLI.i.347

““……ghall-applikazzjoni ta’ dan l-artikolu irid jissussisti l-element ta’ “opus” da parti tal-kuntrattur fil-konfront tal-eccipjent altrimenti l-kontrattazzjoni tkun wahda ta’ bejgh ordinarju u ma jinqabadx mill-imsemmi artikolu.”

“Illi jirrizulta mill-unika xhieda li nghatat mill-konvenut f’din il-kawza li l-kontrattazzjoni bejn iz-zewg socjetajiet ma kenitx dik semplici ta’ fornitura ta’ materjal, izda wkoll l-applikazzjoni tal-prodotti stante li kien hemm granit tat-tarag ta’ barra kif ukoll kcina. Il-konvenut fil-fatt sostna li kien hemm xi difetti (fol 30). Huwa kompla jghid f’nota spjegattiva tieghu li “l-atturi ippruvaw jirrimedjaw fejn setghu, izda bdew jaggravaw id-difetti, billi gabu “portable polisher” bl-isteel wool u x-xquq bdew isiru suwed. Ghalhekk, ix-xoghol rimedjali kellu jitwaqqaf.” (fol 34). Dan ifisser li x-xoghol kien qed isir ukoll permezz ta’ haddiema tal-istess socjeta` attrici; allura dan ma kienx biss jittratta l-fornitura ta’ materjal izda wkoll prestazzjoni tax-xoghol.

“Jiddependi hafna mill-agir u l-intenzjoni tal-partijiet u jekk l-intenzjoni kienet wahda di dare l-kuntratt ghandu jitqies bhala bejgh waqt li jekk l-intenzjoni kienet di fare japplikaw il-principji ta’ l-appalt. Ara George Camilleri vs Joseph Mamo noe, Qorti Kummercjali, 28/08/1951 (Vol XXV-III-639), u George Vassallo vs Lawrence Fenech et noe, 26/04/1988, u Appell Inferjuri Civili, 22/11/2002, Frederick Micallef noe et vs May Sullivan.
“Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Il-preskrizzjoni wkoll, dik tax-xorta li titfi l-process, hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b’mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni. Ghalhekk hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici ghandha tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka, izda l-piz jaqa’ principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Il-parti mharrka trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan miz-zmien minn

meta dik il-kawza setghet titressaq. (Ara Guido Vella vs Emanuel Cefai, Appell Civili tal-5 ta' Ottubru 2001, u Victor Portelli vs Mark Psaila, deciza mill-Prim'Awla Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003).

"Ara wkoll f'dan ir-rigward il-kawza deciza fl-4 ta' Dicembru 1987 mill-Onor. Qorti tal-Kummerc, Onor. Imhallef Dr. J. D. Camilleri fl-ismjiet Edgar Causon noe vs Abdelsalam Sheibani, u Camilleri vs Frendo (Kollezz. Vol XII pg. 144) u Joseph Borg vs Nobbli Maria Testaferrata Bonici deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Marzu 1958.

"Jemergi car li l-kuntratt kien wiehed ta' appalt u mhux ta' bejgh u hu sufficjenti li wiehed ihares lejn id-diversi items ta' crane charges, polishing for cement tiles, sand u crane, full round bevelling u laying charges.

"Izda s-socjeta` attrici issostni li kif jidher car mit-traskrizzjoni ta' din il-parti tax-xhieda tal-konvenut, l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi xehed illi:

""f'din il-kaz ma kienx hemm difetti fl-oggetti konsenjati. Ir-raguni ghaliex ma kontx hallast kien li fuq il-kuntratt l-iehor kont hallast somma in avvanz li kienet kbira hafna. Fuq il-kuntratt l-iehor kien hemm difetti serji hafna, b'hekk jiena hassejt li ma kellix ghalfejn inkompli nohrog aktar flus meta jiena kelli niehu minn ghandhom, anke ghax in-negozju kien f'hin wiehed. Jiena nahseb li din ir-raguni kont tajtha lill-atturi diga."

"Kompliet issostni s-socjeta` attrici li ghalhekk johrog car li l-konvenut spjega li l-ilment ma jikkoncernax ix-xogholijiet mertu ta' dawn il-proceduri u li kien qieghed ihoss li qabel ma l-kwistjoni fil-kawza l-ohra tigi rizolta m'ghandux ihallas il-bilanc ta' l-azzjoni odjerna u li ghalhekk ma kienx qed jikkontesta li m'ghandux jaghti l-ammont pretiz izda li l-konvenut kien qed isostni li ghandu pretensjoni kontra s-socjeta` attrici. Kawza ta' dan skond is-socjeta` attrici dak dikjarat mill-konvenut l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi effettivament jikkostitwixxi gharfien tad-dejn tal-konvenuti

fil-konfront tas-socjeta` attrici u b'hekk rinunzja tal-preskrizzjoni.

"Sostniet id-ditta attrici li dak li qal il-konvenut jikkostitwixxi rinunzja tal-preskrizzjoni. Dan isib konferma wkoll fil-principju guridiku diversi drabi enuncjat mill-Qrati nostrali li huwa pacifikament notorju li jezistu cirkostanzi li manifestament jiddimostraw illi l-preskrizzjoni eccepita hija inkompatibbli meta jirrizultaw certi attijiet ohra. B'ezemplari jistghu jissemmew il-kaz tar-rikonoxximent tad-dejn jew fejn id-debitur ma jichadx id-dejn (Kollez Vol XL XLVIII pIII p1440; "Victor Calleja noe vs  Nazzareno Vassallo et noe", Appell, 5 ta' Ottubru 1998), il-pagament akkont (Kollez Vol XXIX pI p755), il-prova ta' l-ammissjoni tad-dejn ("Silvio Frendo vs Andrew Faenza", Appell, Sede Inferjuri, 2 ta Gunju 2000) u l-kompensazzjoni (Kollez. Vol XXX pI p964). Dawn l-ezemplari kollha jirrientraw fil-kwadru guridiku ahjar konoxxut bhala rinunzja ghall-preskrizzjoni. Sostniet ukoll li kif inghad mill-Qorti Taljana ta' Cassazzjoni:

*""l'eccezione di rinuncia alle prescrizione non integra una eccezzione in senso proprio, e pertanto puo` essere presa in esame dal giudice anche "ex officio", senza bisogno di un' apposita iniziativa della parte interessata, purche` i fatti sui quali l'eccezione si fonda, anche se non allegati dalle parti, siano stati ritualmente acquisiti al processo."*

"Izda jinghad li rinunzja ghandha dejjem tkun cara, esplicita u inkondizzjonata. Ara f'dan is-sens Appell Civili Superjuri, 15/01/2001, Agostino Azzopardi and Sons Limited vs Randolph Schambri; Appell Civili Inferjuri, 02/06/2000, Silvio Frendo et vs Andrew Faenza (LXXXIV-II-I); Sant Cassia vs Anne Deguara, Appell Inferjuri, 01/03/1982; Henry Thake vs C. Borg, Appell Inferjuri, 25/11/2986; Prim'Awla, 13/01/1995, Bugeja vs Bugeja; Prim'Awla 03/10/2001, Grima vs German; Appell Inferjuri Civili, 29/11/2007, Cutrico Services Limited vs Darwin International Limited.

"Fil-fehma tal-Qorti, ma kienx hemm rinunzja u certament mhux fit-termini rikjesti mill-gurisprudenza.

“Issa l-obbligu ghall-fini tal-preskrizzjoni li jipprova minn liema data beda jghaddi t-terminu tal-preskrizzjoni jew meta kien dovut il-hlas skond il-kuntratti relattivi jinkombi fuq il-konvenut.

“Il-konvenuti nomine sostnew li x-xogholijiet li dwarhom qed jintalab il-hlas saru fl-1992, u dawn l-invoices inhargu minnufih. Fil-fatt l-invoices huma datati 10 ta’ Settembru 1992, kif ukoll Ottubru u Novembru 1992 (fol 6 sa 10).

“Illi l-atturi baghtu ittra ufficjali datata 5 ta’ Frar 1996 (fol 136) li giet notifikata wara Frar 1996. Il-kawza odjerna giet ipprezentata fi Frar 1996. Dan iwassal ghall-fatt li l-kawza hija preskritta a tenur ta’ l-artikolu 2149(a).

“Jirrizulta li l-invoices kienu hargu minnufih max-xoghol, li ma sar ebda pagament wara l-1989 u li ghalhekk il-preskrizzjoni ma gietx interrotta.”

**L-appell tas-socjeta` attrici.**

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b’rikors intavolat fis-26 ta’ Dicembru 2008, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza msemmija billi tilqa’ l-istess appell taghha u ssib li l-azzjoni attrici ma hijiex preskritta a tenur tal-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u kwindi tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

Il-kontro-parti ma pprezentat ebda risposta ghar-rikors tas-socjeta` attrici biss fl-udjenza tat-12 ta’ April, 2011 saret trattazzjoni mid-difensuri tal-kontendenti u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum. Dakinhar tat-trattazzjoni saret referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell sede Inferjuri fis-26 ta’ Marzu 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Calleja et v. Carmel Barbara et** fejn dik il-Qorti kienet laqghet l-appell tal-atturi billi cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti galadarba kienet giet eccepita t-tpacija. Dik il-

Qorti effettivament osservat, fuq skorta ta' gurisprudenza nostrana li "*ir-rigett tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni presuntiva tissussisti ghal kaz fejn id-debitur ikun irrikonoxxa anke b'mod implicitu jew indirett illi l-obbligazzjoni mhix estinta*" (**Parroco Sac Francesco Saverio Mifsud v. Nicola Decelis** – App Civ. 28/2/21). Osservat ukoll li l-eccezzjoni ta' tpacija hi inkompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni billi "*colui che eccepisce la compensazione non potrebbe farlo senza riconoscere il-credito compensabile o compensato*" (**M.C. Francalanza et v. Joseph Huber** – P.A. 30/51919). Gie osservat ukoll f'dik is-sentenza li anke meta l-kompensazzjoni tigi eccepita in subordine u bla pregudizzju dik ir-riserva ma tiggovax id-debitur billi "*bil fatt tieghu stess il-konvenut gie rrinunzja ghall-preskrizzjoni*" (**Felice Fenech v. Carmelo Bellia** – P.A. 29/1/60). Kien fuq dawn il-premessi li dik il-Qorti hasset li l-aggravju "*huwa guridikament ben fondat u ser jigi akkolt.*"

In risposta ghal dan, u kif awtorizzati fl-udjenza tat-12 ta' April 2011, l-appellati intavolaw nota fit-28 ta' April 2011 fejn inghad hekk:

*"In vista tan-Nota spjegattiva ppresentata mill-esponenti fit-3 ta' Novembru 1997 (fol 34 tal-process) u n-Nota ta' kjarifika pprezentata mill-esponenti fis-17 ta' Novembru 1998, fejn ghamluha cara li bl-ebda mod u fl-ebda hin ma kienu qeghdin jammettu li huma debituri ta' Hal Mall Limited, is-sentenza citata mill-appellanti (dwar Preskrizzjoni u Tpacija) ma tapplikax ghalihom, tenut kont illi huma qatt ma ssollevaw eccezzjoni dwar tpacija. Ghalhekk, filwaqt li ghandha tigi osservata 'ad unguem' is-sentenza tal-4 ta' Dicembru, 2006 moghtija fil-kawza odjerna minn din l-Onorabbli Qorti stess, l-esponenti jissottomettu illi s-sentenza appellata tal-10 ta' Dicembru 2008 hija ineccepibbli u ghadha tigi kkonfermata peress li ebda pagament ma sar wara l-1989 filwaqt li l-ittra ufficjali giet ipprezentata fil-5 ta' Frar 1996 meta l-pretensjoni kienet ilha preskritta.*"

L-ewwel Qorti, wara li ghamlet resume` tal-principji involuti waslet ghal konkluzjoni b'mod telegrafiku illi "*Fil-fehma tal-Qorti ma kienx hemm rinunzja u certament mhux fit-termini rikjesti mill-gurisprudenza.*" Din id-dikjarazzjoni aggravat lis-socjeta` attrici appellanti billi din dejjem rriteniet li bl-affermazzjoni li kienu ghamlu l-konvenuti u senjatament Dr Tonio Azzopardi fix-xhieda tieghu tat-2 ta' Lulju 1997, huma kienu iddikjaraw "*b'mod car, esplicitu u inkekwivoku li l-ammont mitlub mis-socjeta` appellanti b'din l-azzjoni huwa dovut u mhux kontestat.*" In sostenn ta' din il-posizzjoni legali s-socjeta` attrici rriproduciet dak li kien qal il-konvenut f'dik l-okkazzjoni u cioe` "*f'dan il-kaz ma kienx hemm difett fl-oggetti konsenjati. Ir-raguni ghaliex ma kontx hallast kien li fuq il-kuntratt l-iehor kont hallast somma in avvanz li kienet kbira hafna, b'hekk jiena hassejt li ma kelliex ghalfejn inkompli nohrog iktar flus meta jiena kelli niehu minn ghandhom, anke ghax in-negozju kien f'hin wiehed. Jiena nahseb li din ir-raguni kont tajtha lill-atturi diga.*"

Id-determinazzjoni ta' dan l-appell huwa msejjes fuq jekk tali dikjarazzjoni tammontax ghar-rikonoxximent tad-debitu mertu tal-kawza u konsegwentement ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni sollevata billi qed tigi sollevata l-eccezzjoni tat-tpacija. Fil-fehma ta' din il-Qorti s-sottomissjoni tas-socjeta` attrici appellanti ghandha fondament billi mic-cirkostanzi kollha tal-kaz jidher li l-konvenut jirrikonoxxi d-debitu tieghu fl-ammont indikat fic-citazzjoni ghall-materjal fornit biss ma jridx ihallas billi huwa jirritjeni li ghandu jiehu minghand is-socjeta` attrici ghal xoghol difettuz minnha ezegwit. B'dan il-mod il-konvenuti qed jittentaw it-tpacija bejn l-ammont indikat f'dawn il-proceduri ma' xi kreditu li jista' jirrizulta fi proceduri ohrajn istitwiti mill-istess socjeta` attrici, u li ghalhekk fl-eccezzjoni sollevata f'dawn il-proceduri l-istess konvenuti appellati talbu s-soprassessjoni pendenti ezitu f'dawk il-proceduri. Din is-soprassessjoni ma seta' kellha ebda utilita` hlief li l-ammont reklamat mis-socjeta` attrici jigi pacut ma' ammont dikjarat bhala dovut mis-socjeta` attrici lill-konvenuti odjerni minhabba difetti fl-ezekuzzjoni ta' xoghol formanti mertu ta' appalt ezegwit mill-istess socjeta` attrici. L-ebda interpretazzjoni ohra ma tista` tinghata

ghall-affermazzjoni ta' Dr. Tonio Azzopardi b'mod li huwa jirrikonoxxi d-debitu reklamat mis-socjeta` attrici billi minghajr tali rikonoxximent ma jista' qatt jkun hemm tpacija ma' kreditu tieghu (anke futur u likwidabbli) kontra l-istess socjeta` attrici. B'dan il-mod il-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti giet rinunzjata u konsegwentement l-eccezzjoni ma kellhiex tigi akkolta.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` attrici appellanti qed jigi akkolt u s-sentenza appellata revokata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati. In vista tal-premess din il-Qorti qed tirrinvija l-atti ta' din il-kawza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex tikkunsidra l-eccezzjonijiet rimanenti u tiddeciedi l-kaz skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------